KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 30 – IL-ĦAMIS 1 TA' OTTUBRU 2026

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

PREŻENTI:	Dr Dorian Sciberras	Sindku
	Sa Yvonne Bartolo	Viċi-Sindku
	Sa Mary Grace Gusman	Kunsillier
	Sur Mario Fenech	Kunsillier
	Sur Matthew Fenech	Kunsillier
	Sur Etienne Montfort	Segretarju Eżekuttiv

30.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (SKONT L-ORDNI PERMANENTI 14A (3)

30.1.1 Ma kienx hemm.

30.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

30.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (30) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Bartolo issekondat.

30.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

30.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

30.3.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-applikazzjoni PC 00054/17 - Site B, Triq Karmenu Vassallo, Triq Patri Marjanu Vella & Triq Anton Manuel Caruana, Iklin 'Rationalisation Site B - Iklin - 3 floors + Semi - basement (17.5m) Residential Development Including New Road' ġiet rifjutata.

30.3.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar ċint baxx fi Triq il-Wied il-parti ta' fuq fejn ir-resident qed jgħid li hemm *drop* ta' madwar sular u qiegħed ta' periklu għal min ikun miexi minn fuq din il-bankina u minn dawk li jkunu qed jistennew it-trasport pubbliku. Dwar dan l-ilment, is-Sindku qal li jkun aħjar jekk isir rapport fl-eqreb Għassa tal-Pulizija dwar dan l-imsemmi periklu.

30.3.3 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar l-għalqa fi Triq Dott Pawlu Grech li hija *government-owned property* u tmiss ma' Triq Erin Serracino Inglott u Triq Dun Karm. Informa li l-imsemmija għalqa hija infestata bil-ġrieden u kreaturi oħra li jinkludu tiġieġ u sriedak. Infurmat ukoll li hemm persuna/l li qed jitma lil dawn il-kreaturi bil-konsegwenza li qed jattira wkoll il-ġrieden. Din is-sitwazzjoni hija waħda inaċċettabbli u qal li minkejja li l-Kunsill m'għandux remit fuq l-imsemmija għalqa, il-Kunsill ma jistax jagħlaq għajnejh għal dan kollu għaliex ir-residenti huma frustrati b'din is-sitwazzjoni.

Talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-Awtorità tal-Artijiet biex jinġieb *clearance* sabiex il-Kunsill jagħmel tindifa ġenerali, jitratta l-infestazzjoni tal-ġrieden u jitneħħew l-imsemmija kreaturi u jiġi nstallat *chain link fencing* jew jittella ċint biex l-għalqa ma tibqax aċċessibbli. B'dan il-mod il-Kunsill ikun jista jġib taħt kontroll din is-sitwazzjoni.

Fakkar ukoll li l-Kunsill kien qed jesplora l-possibiltà ta' devoluzzjoni ta' din l-għalqa u fil-laqgħat li kellu ma' Project Green semmma kif din l-għalqa tista tiġi żviluppata billi jsir proġett li jkun jikkonsisti f'recreational area + underground parking għat-tgwadija tal-komunità.

Il-Kunsill huwa kommess li jkompli jaħdem u jara l-possibiltà li din l-art pubblika tiġi amministrata mill-Kunsill.

29.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

29.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-1 ta' u l-25 ta' Settembru 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

COMPLAINTS SHEET (1st September - 25 September 2026)

Ref.	Date	Description	Status	Address	Organisation
225	02/09/2026	Talba biex isiru parking bays fl-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona għax isir parkeġġ b'mod abbużiv u l-complainant għandu trailer u qed jibża li jolqothom	pending	Pjazza Ninu Cremona	**Council**
226	03/09/2026	Din ir-residenta qed tilmenta li Triq GM Azzopardi ilha ħafna ma' tinkines	closed	Triq GM Azzopardi	**CMD**
227	03/09/2026	Qed ikun hemm crane jagħlaq Triq Mons PP Saydon u r-residenti ma' jkunux jistgħu jidħlu għar-residenzi tagħhom	closed	Triq Mons PP Saydon	**Council**
228	03/09/2026	Hemm ċint baxx perikoluż fi Triq il-Wied	pending	Triq il-Wied	**Council**
229	01/09/2026	Hemm bżonn isiru l-bankini ta' Triq Dwardu Cachia għax huma fi stat ħażin	pending	Triq Dwardu Cachia	**Council**
230	01/09/2026	Talba biex ma jsirux droppers f'nofs bankina biex ma' jintilifx spazji għall-parkeġġ	pending	Wesgħa Lewis JB Scicluna/Triq A Buttigieg	**Council**
231	01/09/2026	Ilment dwar vetturi pparkjati b'mod abbużiv fin-fl-ispazju miftuħ tal-Pjazza. Qed titlob li jsiru spazji għall-parkeġġi.	pending	Pjazza Ninu Cremona	**Council**
232	09/09/2026	Ilment dwar yellow lines quddiem garaxx fi Triq Klin	pending	Triq Klin	**Council**
233	09/09/2026	Ilment dwar vettura pparkjata li ttellef biex jaċċessaw garage fi Triq Dun Karm	pending	Triq Dun Karm	**Council**
234	09/11/2026	Karkass ta' ġurdien mejjet 16 Trqi G Curmi	settled	Triq G Curmi	**CMD**
235	09/11/2026	Ilment dwar trabijiet mill-kuntrattur fi Triq A Buttigieg	pending	Triq A Buttigieg	IM contractor
236	09/11/2026	Infestazzjoni ta' ġrieden fejn Cafeteria fi Triq il-Klin	settled	Triq il-Klin	**EHD**
237	09/11/2026	Il-kollettur immissja boroż tal-organic	settled	Triq P M Vella / S Erardi	**waste collection**
238	14/09/2026	Road Patching fi Triq G E Mercer	settled	Triq G E Mercer	**Council**
239	14/9/2026	Biex jitnaddaf l-istage ta' taht Ġnien Dott Pawlu Grech	settled	Triq Dun Karm	**CMD**
240	15/9/2026	Terrapien fejn roundabout Triq G Abos	settled	Triq G Abos	**CMD**
241	14/9/2026	Ilment dwar ikel mitfuh fl-għalqa ta' Triq Dott. P Grech minn xi individwu	pending	Triq Dr. P Grech	**Council**
242	09/11/2026	Traffic mirror faċċata ta' Il Cortile Restaurant Triq Ħal Għargħur vandalizzata (filmat)	pending	Triq Ħal Għargħur	**Council**
243	16/9/2026	Ilmenti dwar rwejjaħ ta' drenaġġ fejn Triq in-Naxxar u Dun Karm s/roads	pending	Naxxar u Dun Karm Service Roads	**WSC**

244	16/9/2026	Timer tad-dwal tal Playing Fields difettuż	settled	Pjazza Ninu Cremona	**Council**
245	17/9/2026	Karkass ta' ġurdien mejjet Triq G Curmi c/w S Erardi	settled	Triq G Curmi / S Erardi	**CMD**
246	09/03/2026	Talba għal lampa ġdida fi Sqaq il-Ħwawar	pending	Sqaq il-Ħwawar	**Council**
247	09/03/2026	Jissuġġerixxi biex isir kuntatt ma' Google biex jagħtu rotta minn Triq iż-Żebbuġa minflok Triq il-Ħwawar minħabba inġenji kbar li qed jaċċessaw minn Triq il-Ħwawar	pending	Sqaq il-Ħwawar	**Council**
248	09/03/2026	Difett tal-konkos fi Sqaq il-Ħwawar bil-konsegwenza li qed iżomm magħqad ta' ilma wara kull maltempata	pending	Sqaq il-Ħwawar	**IM Agency**
249	18/09/2026	Tappiera maqlugħa bix -xita fi Triq Wied fejn ir-Razzett l-Aħmar	settled	Triq Wied	**WSC**
250	18/09/2026	Tappiera maqlugħa bix -xita fi Triq L F Mizzi c/w Triq G Curmi	settled	Triq L F Mizzi	**WSC**
251	22/09/2026	Ħanut fi Triq Muzika, parapett kollu skart	settled	Triq il-Mużika	**Council**
252	23/9/2026	Bankina difettuża quddiem stabbiliment tan-negozju fi service road Triq in-Naxxar	settled	Service road Naxxar	**Council**
253	24/09/2026	Hemm żewġ lampi maqtugħa fit-trejqa li tagħti għal Kamra tan-nar	settled	Triq San Mikiel	**LC contractor**
254	24/09/2026	Dwal ta barra mitfi Triq Prinjol u Tirq R L-Ahmar	settled	Triq Prinjol/R L-Ahmar	**Enemalta**
255	24/9/2026	Talba biex terga titwaħħal bozza fejn nru. 15 Triq L F Mizzi	pending	15 Triq L F Mizzi	**Council**
256	25/09/2026	Talba għal refreshing ta' double yellow lines quddiem nru. 34 Triq Ġ Mamo	pending	Triq Ġ Mamo	**Council**

30.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIETAL-KUNSILLIERI

30.5.1 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jirriloka sinjal tat-traffiku minn Triq Stefano Erardi k/m Triq il-Klin peress li l-imsemmi sinjal qiegħed mgħotti bil-friegħi ta' siġra li ħierġa minn parapet ta' residenza privata.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jispezzjona biex naraw jekk hemmx lok li l-imsemmija sinjal tat-traffiku jiġi rilokat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Uffiċċju Amministrattiv kiteb lir-residenza biex jiżbor l-imsemmija siġra fuq struzzjoni tal-Aġenzija LESA peress li l-immaniġġjar tat-traffiku mhuwiex viżibbli għas-sewwieqa.

30.5.2 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar l-ilment li wasal minn resident dwar inġenji kbar li qed jaċċessaw minn Triq il-Ħwawar. Filwaqt li jifhem t-triq tidjieq u tista ssir ħsara fu il-ħitan tas-sejjiegħ, min-naħa l-oħra qed jara li mhux daqstant faċli li t-talba tiegħu tiġi rispettata.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill jista jirrapporta r-restrizzjoni tat-triq direttament fuq Google Maps sabiex l-algoritmu tar-rotta tagħhom jieqaf jibgħat inġenji kbar minn dan l-isqaq dejjaq.

30.5.3 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk l-Aġenzija Infrastructure Malta għamlitx korrezzjoni ta' Sqaq il-Ħwawar minħabba li l-imsemmi sqaq iżomm ħafna ilma wara xi maltempata.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill ilu jikkorrispondi mal-Aġenzija għal dawn l-aħħar tliet snin biex jitranġa dan id-difett iżda sallum baqgħet ma ttieħdet l-ebda azzjoni. Is-Sindku żied jgħid li saru *site meetings* mall-Perit tal-Aġenzija IM iżda xorta ma wasalnhiex. Informa li r-resident dejjem kien preżenti għal dawn *site meetings* u anke saħansitra ikkuppjat fl-emails li l-Kunsill bagħat lill-Aġenzija IM. F'dan l-istadju, is-Sindku qed jipproponi li nitkellmu mall-Perit tal-Kunsill biex iħejji *Condition Report* u nimxu skont ir-Rapport. Imbagħad naraw xi tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill. Aktar żviluppi jingħataw 'il quddiem.

30.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

30.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

30.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

(Doc. D anness)

30.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizz kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur 5iveStar Printing għall-istampar ta' Tent Calendar 2027 biex jitqassmu lill-komunità tal-Iklin għall-prezz ta' Eur336 VAT inkluż; *nem con*
2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Shaker Ltd għax-xiri ta' għamara għas-Sala tal-Kunsill għall-prezz ta' Eur5,217.00 VAT inkluż; *nem con*

30.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

30.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

30.7.2 Applikazzjoni PA/ 04595/26 – Notification of Receipt of Fresh Drawings – Middle School, It-Telgħa tal-Għaqba, Triq Giuseppe Stivala, Triq il-Forġa Naxxar, Triq Giorgio Locano Iklin – To sanction creation of gate. Proposed dismantling of part of boundary wall and creation of gate opening as ancillary facility to educational hub.

30.7.3 Applikazzjoni PA/05987/26 – 12, Shamrock, Triq Richard Taylor L-Iklin – To sanction the ground floor maisonette as built, differing from that approved under PB3528/87, following a more accurate site survey. The sanctioning includes changes to the façade, introduction of a box room, alterations to the backyard, and amendments to internal walls and apertures.

30.7.4 Applikazzjoni PA/06565/26 – 58, Madonna tad-Dmugħ, Triq il-Mużika L-Iklin 'To sanction changes from approved permit PA8264/20.

30.7.5 Applikazzjoni PA/05959/26 – Ta' San Tumas, Triq Ħal Għargħur, L-Iklin 'Proposed restoration and internal alterations to pre-1968 residential unit. Proposal includes demolition of unnecessary structures, extension to the existing room, and excavation to form a basement and a reservoir.

30.7.6 Applikazzjoni PA/08062/25 – Massabielle, Triq Ġuże Pesci c/w Pjazza Nini Cremona L-Iklin 'To demolish existing dwelling, excavation of site, construction of basement garages and reservoir, overlying maisonettes, apartments and penthouse (including pool and pv panels).

30.7.7 Applikazzjoni PA/06242/26 – Id-Dwejra, Private Road in Triq Fredrick Borg, L-Iklin 'Renewal of approved permit PA/05333/21. Demolition of existing fully detached bungalow (inc. basement rooms, garage and ground floor accommodation) and construction of new bungalow (including pool at basement level).

30.7.8 Applikazzjoni PA/06125/26 – 9, Triq Ġeronimo Abos/4,6&8 Triq iċ-Ċitru L-Iklin 'Demolition of existing industrial warehouse and showroom; excavation of existing basement to add a further basement level; construction of two basement levels to accommodate parking, local gym, services and ancillary facilities; construction of 32 apartments from first floor to fourth floor and a mix of Class 4A office, 4B, 4C & 4D small local shops/stalls at ground floor level, including public open space connecting both streets.

30.7.9 Applikazzjoni PA/04612/26 – 7, Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin 'To carry out alterations to an existing first floor maisonette to convert it into an apartment by removing partitions at first and demolishing part of the second floor, formation of another apartment at second floor, construction of another apartment at third floor and an overlying receded floor. Proposal includes the formation of a stairwell and lift from first floor upwards.

30.7.10 Applikazzjoni PA/05815/26 – Dr Neville Young obo FTS, MCAST – Triq Giuseppe Stivala, Naxxar, Triq Giorgio Locano, Triq it-Timu L-Iklin 'Proposed installation of lighting system for approved football pitch (PA9349/17)

30.7.11 Applikazzjoni PA/05816/26 - Dr Neville Young obo FTS, MCAST – Triq Giuseppe Stivala, Naxxar, Triq Giorgio Locano, Triq it-Timu L-Iklin 'Proposed installation of chain link fencing for approved football pitch (PA9349/17)

30.8 POST MORTEM – EUROPEAN WEEK OF SPORT

30.8.I Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri responsabbli minn din l-attività. Irringrazzja wkoll lill-parteċipanti minkejja l-isfida tal-elementi tant li l-attività sportiva kellha tibda siegħa tard minħabba x-xita. Irringrazzja wkoll lill-Community Police Team li kienu magħna għal sena oħra biex din l-attività tittella b'suċċess. L-organizazzjoni kienet tajba u ko-ordinata.

30.8.2 Il-Kunsillier Mario Fenech, responsabbli minn din l-attività qal li fiċ-ċirkostanzi, l-attività kienet waħda tajba, parteċipazzjoni tajba tat-tfal, u faħħar *setup* tal-pitch fejn it-tfal kienu f'ambjent aktar sigur. Ikkonkluda biex il-Kunsill jikkunsidra l-użu tal-pitch għall-edizzjoni Festa Fjuri 2027.

30.8.3 Fl-aħħarnett, is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier Mario Fenech talħin u l-professjonalità tiegħu biex ħadem fuq il-materjal pubbliċitarju għal fuq il-mezzi soċjali.

30.9 POST MORTEM – CLEANUP WORLD CAMPAIGN DAY

30.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras wera d-diżappunt tiegħu għallfatt li ma kellniex parteċipazzjoni min-naħa tar-residenti. Żied jgħid li matul is-sena, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jidħlu ħafna ilmenti mir-residenti dwar il-livell ta' indafa pubblika fittoroq residenzjali tal-Iklin. Però meta l-Kunsill jagħmel appell fejn jistieden lill-komunità tingħaqad flimkien wara din l-inizjattiva ambjentali, mhux qed insibu l-appoġġ ta' ħadd.

Fl-istess waqt, is-Sindku Dott Sciberras faħħar l-impenn sħiħ tal-Iklin Scout Group fejn ta' kull sena, juru l-impenn sħiħ tagħhom biex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva. Ringrazzjament speċjali jmur lejn l-iScout Leaders li huma ferm persuni ddedikati u jagħtu mill-ħin tagħhom għat-tfal li huma l-ġenerazzjoni ta' għada.

30.9.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech issuġġerixxa li l-CleanUp issir qalb it-toroq residenzjali tal-Iklin għaliex hemm il-Kunsill ikollu aktar viżibilità.

30.9.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issuġġeriet li l-grupp għandu jkun flimkien waqt l-attività.

30.9.4 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman ukoll esprimiet il-ħsibijiet tagħha fejn qalet li jkun tajjeb li l-Kunsill jaħseb f'rotta differenti.

30.9.5 Il-Kunsillier Mario Fenech qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jitkellem ma' Iklin Scout Group biex jgħaddulna l-idejat bil-għan li nsaħħu din l-attività annwali.

30.9.6 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jkompli jsaħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu ma' Iklin Scout Group biex nikkollaboraw flimkien għall-attivitajiet futuri.

30.10 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦLIJIET FI TRIQ ANTON BUTTIGIEG

30.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras talab lill-Perit Vella Lenicker mill-Project Design Directorate biex jaġġorna lill-Kunsill b'aktar żviluppi.

Il-Perit informa li preżentement Messrs. Enemalta għaddejja bix-xogħlijiet tal-*cable-laying works* fi Triq Anton Buttigieg fiż-żona ta' fejn hemm l-entratura ta' substation u l-ħajt li huwa instabbli. Infurmati li minkejja li ġie appuntat kuntrattur biex iqiegħed blokki tal-*concrete* bħala *support* però dawn ikunu jistgħu jiġu ankrati fil-post wara li jitlestew ix-xogħlijiet mill-Enemalta. Il-Perit huwa infurmat li x-xogħlijiet għandhom jitlestew fi żmien ħmistax.

Rigward ir-rilokazzjoni tas-siġra kbira tat-tip 'ficus nitida', il-Perit Lenicker bagħat email nhar id-29 ta' Settembru lill-Kunsill fejn għarrafna li wara li tkellem mas-superjuri tiegħu, it-talba għall-permess mingħand l-ERA trid issir mill-Kunsill Lokali biex isir *transplanting* tas-siġra minn Triq Anton Buttigieg għal sit ieħor propost minn Messrs. Project Green.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li aktar aġġornamenti jingħataw 'il quddiem.

30.11 AĠĠORNAMENT DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-ONOR. QORTI TAL-APPELL DWAR IL-KAŻ ALFRED BORG VS KUNSILL LOKALI L-IKLIN

30.11.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Qorti tal-Appell rat ir-rikors tal-Kunsill Lokali L-Iklin tat-12 t'Awwissu 2026.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-attur tat-3 ta' Settembru 2026.

Fiċ-ċirkostanzi l-Onor. Qorti laqgħet it-talba u ordnat li l-Perit Mario Cassar jiġi sostitwit bil-perit Michael Lanfranco bl-istess setgħat u doveri mogħtija fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2025.

30.12 PROGRAMM TAL-FESTI NATALIZJI 2026

30.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq programm propost tal-Milied 2026 kif jidher hawn taħt:

It-Tnejn, 14 ta' Diċembru – 18:45 – 21:00
Meet & Greet – Jieħdu sehem Ta' Verna Folk Group.
Il-Komunità tal-Iklin hija mistiedna biex tiskambja l-Awgurju tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena
Post: Ġnien Ninu Cremona

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru – 18:00
Purċissjoni Tradizzjonali bil-Bambin Ġesù
'Presepju Ħaj' organizzat mill-Parroċċa Familja Mqaddsa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin. *Re-enactment* bil-persunaġġi lebsin il-kostumi u bl-akkumpanjament tal-mużika. Tibda mill-Knisja Parrokkjali u tgħaddi minn Triq Mons Carmelo Aquilina, Trejqet ir-Rumanzieri, Karmenu Vassallo, P. Marjanu Vella, Ċensu Busuttil, Anton Buttigieg u lura għall-knisja. L-Għaqda Mużikali San Pio X takkumpanja l-purċissjoni b'innijiet ferrieħa tal-Milied.
Fi pjazza Ninu Cremona se jkunu armati *Christmas stalls* u *sound system* biex jiġu esegwiti innijiet popolari tal-Milied waqt li jkun hemm ħin soċjali flimkien għall-komunità.

Is-Sibt 19 ta' Diċembru – 16:00
Ġej il-Father Christmas

It-Tnejn 21 ta' Diċembru
Il-Parroċċa Familja Mqaddsa ser torganizza *Carol singing*, tberik ta' bambini u presepji w Faċċati tad-djar mit-tfal bejn il-5:30 p.m. u 6.45p.m. u 7.00 p.m. u 8:45 p.m.

Il-Ħamis 24 ta' Diċembru 2026
8.15 pm Programm tal-lejl tal-Milied bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa. Il-quddiesa tibda fid-9.00 pm.

It-Tnejn 28 ta' Diċembru 16:30 – 18:30 hrs
Festin tal-Milied għat-tfal kollha tar-raħal

30.12.2 Fl-aħħarnett, il-Kunsill Lokali L-Iklin awtorizza l-ispejjeż kollha relatati mall-Festi natalizji 2026.

30.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

30.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2026 fil-5.30 pm.

30.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2026 fil-5.30 pm.

30.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 p.m.

Dott Dorian Sciberras
Sindku

Etienne Montfort
Segretarju Eżekuttiv